

Brussell, 14 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15497/24

COH 65

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Tisħiħ tal-assi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni: fil-futur kif tista' tittejjeb il- ġestjoni kondiviża tal-fondi ta' koeżjoni f'konformità mal-prinċipju tas- sussidjarjetà? <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-28 ta' Novembru li ġej iddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness ta' din in-nota, il-Ministri responsabbli għall-Politika ta' Koeżjoni mistiedna jiddiskutu s-suġġett "Tisħiħ tal-assi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni: fil-futur kif tista' tittejjeb il-ġestjoni kondiviża tal-fondi ta' koeżjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà?"

Dokument ta' sfond

għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikat għall-Politika ta' Koeżjoni

"Tisħiħ tal-assi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni: fil-futur kif tista' tittejjeb il-ġestjoni kondiviża tal-fondi ta' koeżjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà?"

Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE hija pprovduta mit-Trattat bħala "vitali għall-iżvilupp komplet u s-suċċess li jibqa' fit-tul tal-Unjoni", u wriet li hija motivatur kruċjali tat-tkabbir ekonomiku, il-konverġenza, il-kompetittività u l-integrazzjoni.

Il-Politika ta' Koeżjoni hija bbażata fuq il-prinċipji tas-sħubija, is-sussidjarjetà, il-governanza f'diversi livelli u l-ġestjoni kondiviża, li jippermetti lill-Istati Membri u lir-reġjuni jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-politika, filwaqt li tissaħħaħ ir-responsabbiltà f'diversi livelli ta' governanza.

Il-ġestjoni kondiviża tagħti s-setgħa lill-Istati Membri u lir-reġjuni billi tinvolvihom fl-ippjanar u l-ipprogrammar tal-politiki tal-UE, mhux biss fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tagħhom, u għalhekk issaħħaħ is-sens li l-proġetti jappartjenu lilhom u trawwem l-involviment tal-komunità. Dan l-approċċ reġjonali inklużiv jippermetti risponsi mfassla apposta għal sfidi u prijoritajiet lokali speċifiċi, li jagħmilha possibbli li l-azzjonijiet tal-UE jkunu aktar direttament rilevanti għall-komunitajiet moqdi minnha.

Matul id-diskussjonijiet dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni, ħafna Stati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE affermaw ripetutament il-hteġa li l-modalità ta' ġestjoni kondiviża tinżamm bħala element ewlieni. Fl-opinjoni tiegħu dwar il-kwistjoni, il-Kumitat tar-Regġuni¹ jinsisti bil-qawwa li l-mudell ta' ġestjoni kondiviża, il-governanza f'diversi livelli u l-prinċipju tas-sħubija jibqgħu l-prinċipji gwida tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-2027, filwaqt li jenfasizza wkoll li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali huwa essenzjali għall-effettività tal-Politika. Kif enfasizzat mir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni², il-Politika ta' Koeżjoni hija unika fl-UE minħabba l-approċċ tagħha bbażat fuq il-post, li b'mod attiv jinvolvi firxa diversifikata ta' partijiet ikkonċernati u jallinjaha mal-prinċipju tas-sħubija. Dan il-metodu parteċipattiv huwa essenzjali biex jiġu indirizzati l-ħteġijiet territorjali, jiġu rikonoxxuti l-opportunitajiet, u jissaħħaħ is-suċċess tal-proġetti ta' koeżjoni Ewropej.

Barra minn hekk, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)³ enfasizza li l-fondi nazzjonali u dawk tal-UE implimentati b'ġestjoni kondiviża jeħtieġu regoli ċari u sempliċi f'regolament wieħed. Il-KESE jikkonkludi li l-isforzi ta' simplifikazzjoni huma partikolarment rilevanti biex jiġi żgurat li l-qafas ta' ġestjoni kondiviża jkun fattibbli għar-regġuni b'kapaċità amministrattiva limitata.

Reċentement, il-ħolqien tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza irriżulta f'element ta' tqabbil mal-Politika ta' Koeżjoni, minħabba l-implimentazzjoni parallela u l-oqsma ta' appoġġ li jikkoinċidu. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiddimustra mudell ta' implimentazzjoni alternattiv, għalkemm mingħajr l-istess livell ta' involviment reġjonali bħal dak tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Għall-kuntrarju tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma teħtieġx governanza f'diversi livelli jew parteċipazzjoni robusta mill-awtoritajiet sottonazzjonali, kif inhu deskritt mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-analiżi tagħha tal-2023⁴.

¹ "Il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027", Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, adottata fid-29 ta' Novembru 2023.

² "Forging a sustainable future together: Cohesion for a competitive and inclusive Europe", Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni, Frar 2024.

³ "Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-politika ta' koeżjoni: lejn politika ta' koeżjoni 2.0", Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, adottata fl-20 ta' Settembru 2023.

⁴ Rapport Analitiku 01/2023: Finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: analiżi komparattiva.

Barra minn hekk, l-hekk imsejjaħ approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa element ieħor li jirrifletti fuq il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni. Madankollu, l-elementi relatati mal-prestazzjoni dejjem kienu preżenti fil-Politika ta' Koeżjoni, speċjalment minn meta ġġeddet b'orjentazzjoni lejn ir-riżultati wara r-rapport ta' Barca⁵. Filwaqt li l-Ftehimiet ta' Sħubija jistipulaw l-orjentazzjoni strateġika fit-tul tal-fondi, il-programmi jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiżi, kif ukoll l-istrategġji nazzjonali jew reġjonali, jivvalutaw l-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali u tematiċi, kif ukoll jiddefinixxu indikaturi komuni u li jistgħu jiġu aggregati, filwaqt li jiżguraw il-monitoraġġ trasparenti tar-riżultati tal-Politika fil-livell tal-UE. Barra minn hekk il-Politika għamlet użu estensiv mir-rekwiżit ta' evalwazzjonijiet, filwaqt li bniet fuq l-eżitu tagħhom ta' metodi simplifikati ta' rimborż, bħal għażliet ta' kostijiet issimplifikati u finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż.

Hekk kif l-UE qed tħejji għal diskussjoni dwar l-istruttura tal-baġit futur, inkluż il-Politika ta' Koeżjoni, qed jiġi indirizzat ukoll is-sinifikat tal-modalità ta' ġestjoni kondiviża fl-implimentazzjoni tal-Politika. Skont il-Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, deskritti mill-President elett tal-Kummissjoni Ewropea, il-baġit fit-tul il-ġdid għandu jkun aktar sempliċi fil-mod kif jaħdem - b'inqas programmi u bi pjan għal kull pajjiż li jorbot ir-riformi ewlenin mal-investment. Madankollu, dan jista' jinvolvi bidla mill-ġestjoni kondiviża attwali għal modalità ta' ġestjoni aktar ċentralizzata tal-istrumenti tal-UE, inkluż il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, li jwassal għal ristrutturar tal-oqsma differenti tal-ġestjoni kondiviża (il-programmazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll), b'implikazzjonijiet potenzjalment sinifikanti għas-sussidjarjetà, is-sjieda u s-sħubija.

Il-Presidenza Ungeriża hija tal-fehma li l-preservazzjoni tal-karatteristiċi attwali tal-ġestjoni kondiviża tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE tfisser ukoll il-preservazzjoni tal-valuri ewlenin tal-Politika. Għalhekk, għandna nqisu wkoll kif dawn jistgħu jissaħħu wara l-2027, sabiex il-Politika ta' Koeżjoni tibqa' għodda effettiva biex jiġi promoss l-iżvilupp, tingħata setgħa lill-atturi lokali u tinbena Ewropa aktar b'saħħitha, aktar kompetittiva u aktar integrata.

⁵ An Aġenda For A Reformed Cohesion Policy: A place-based approach to meeting European Union challenges and expectations. Rapport Indipendenti mħejji minn Fabrizio Barca fuq talba ta' Danuta Hübner, Kummissarju għall-Politika Reġjonali, April 2009.

B'kont meħud tal-punti msemija hawn fuq, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jiddiskutu l-mistoqsija li ġejja:

Fil-futur kif tista' tittejjeb il-ġestjoni kondiviża tal-fondi ta' koeżjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà?
